# Postijiet għall-bniet fl-iskejjel tal-Knisja Fir-Raba' Sena Primarja

F'Novembru 2021 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2022-2023. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għar-Raba' Sena Primarja.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għar-raba' sena primarja bniet *mainstream* huwa ta' tnejn u għoxrin (22) post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | |
|---|---|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola,* | 1 |
| *1b 1ġ Tfal tal-impjegati fi skola li m'għandix postijiet,* | 2 |
| *1ċ Aħwa li ħadu post* | 3 |
| *1ġ Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 1 |
| ***Total*** | **7** |

Kellna erba' applikazzjonijiet tal-aħwa għal skejjel li bħalissa m'għandomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel relevanti dawn jinkitbu fihom. Dawn m'humix imniżżla fit-tabella t'hawn fuq.

Konklużjoni, minn tnejn u għoxrin post *mainstream* innaqsu sebgħa jibqa' ħmistax-il post vakanti (22-7=15). Għalhhekk ser jintlaqaw aktar applikazzjonijiet *mainstream.*

Skont ir-Regolamenti tal-Każijiet Serji għandna 3 postijiet tal-Ażil, u għalhekk ser jintlaqgħu applikazzjonijiet tal-Ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fl-istqarrija għall-istampa u r-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-Applikanti Oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Jekk ikunu applikaw fl-ewwel sena sekondarja u nkitbu fi skola li għandha post, iż-żgħar ikunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2022**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**